Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

# Seduta numru 29 tas-7 Leġislatura
# L-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 29 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni tal- offerti
5. Update tal-Proġett tal-Miżura 313
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku, Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsiller Elizabeth Ebejer, l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**NOTA**

**1 Minuti**

Punti mill-minuti

dwar punt 6.1 : Is-Sindku informa li kienet ġiet ordnata xatba għad-dħul tal-bandli l-ġodda f' Wesgħat il-Ġublew. Is-Sindku informa wkoll li ir-rubber flooring ta' l-istess proġett kien ġie rranġat mill-kuntrattur.

dwar mixxellanji : Elizabeth Ebejer semmiet li kien għad hemm ilma nieżel fil-parti taċ-Ċikken, fil-Ġnejna. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-WSC kien ġew infurmati minnufih u li kien ser jerġa' jinfurmahom.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

1.2 L-iskeda tal-pagamenti tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill u ġiet approvata.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza tal-On. Ian Borg dwar possibilta' ta' proġett fil-Ġnejna. Ir-risposta tal-On. Borg kienet tgħid li l-Ministeru tiegħu m' hux involut bl-ebda mod, iżda bħala Membru Parlamentari fuq is-7 Distrett kien qiegħed isegwi proposta ta' proġett ta' Transport Malta.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kien attenda għall-diversi meetings mal-parroċċa dwar il-festa.

3.2 Is-Sindku informa li kien ir1ieva talba sabiex isir użu mill-bejt tal-Kunsill biex issir bibita tal-għeluq tal-festa għall-dawk involuti fil-festa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li ix-xogħol fuq iz-zuntier tal-knisja kien lest u li dan kien ser jiġi inawgurat nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju.

**4. Evalwazzjoni ta' offerti**

4.1 Il-Kunsill, wara li irċieva numru ta' offerti fl-aħħar jiem, iddiskuta u analizza fid-dettal dawn l-offerti hekk kif imsemmi hawn taħt:

4.2 ***TENDER MGR 2015/01 :*** *Provediment u installazzjoni ta' dekorazzjonijiet ta' dwal tal-Milied*
Il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma' Carl Caruana, li kien offra l-aktar offerta vantaġġjuża.

4.3 ***TENDER MGR 2015/02 :*** *Servizz ta' 2 Handymen*
Il-Kunsill approva l-offerti tas-Sur Joseph Sammut u s-Sur Paul Grech. Dawn kien l-uniċi offerenti f' dan ir-rigward u il-Kunsill kien kuntent ħafna bix-xogħol tagħhom matul l-aħħar snin.

4.4 ***TENDER MGR 2015/03 :*** *Servizz Tindif u Żamma ta' Lattrini Pubbliċi f' Wesgħat il-Ġublew.*
Il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' mas-Sur Saviour Mifsud, li kien ressaq l-aktar offerta vantaġġjuża.

4.5 ***TENDER MGR 2015/04 :*** *Servizz ta' Tindif u Żamma ta' Lattrini Pubbliċi fil-Ġnejna*
Il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' mas-Sur Philip Caruana li kien ressaq l-aktar offerta vantaġġjuza.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**5. Update tal-Proġett tal-Miżura 313**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għall-fini ta' din il-Miżura, u hekk kif miltub mill-awtorita' tal-proġett, infetaħ kont bankarju mal-Bank of Valletta fil-branch tal-Mosta. Sar ukoll it-trasferiment tal-ewwel pagament mill-kont bankarju tal-HSBC f' isem il-Kunsill għall-dan il-kont ġdid tal-BOV.

5.2 Eman Vella semma li kienet saret talba għall-estenzjoni tal-proġett mit-30 ta' Ġunju għat-30 ta' Settembru 2015. Dan biex joffri possibilita' li tinħareġ sejħa għall-offertigħall-qtugħ ta' blat u xogħol relat ma' dan il-proġett. Il-Kunsill approva il-publikazzjoni ta' din is-sejħa.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ ta' sejħiet oħra tal-offerti. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-kiżi b' tapit ta' turf artifiċjali il-biċċa t' isfel tal-proġett tal-bandli f' Wesgħat il-Ġublew kif ukoll għall-kisi ta' triq rurali. Il-Kunsill approva dawn is-sejħiet li ser jinħarġu fil-jiem li ġejjin b' data tal-għeluq fit-12 ta' Awwissu.

6.2 Elizabeth Ebejer staqsiet x' kien ġara dwar ir-rapport ta' ħmieġ mal-kantuniera ta' il-Majjistra. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien informa mill-ewwel lis-Sindku dwar dan u li s-Sindku kien ċempel immedjatament lis-sid tal-ħanut. Is-Sindku ikkonferma u informa li il-biċċa kienet issa ġiet iċċarata u li kien hemm il-ħsieb li jsiru kontenituri għar-restaurants biex jarmu l-iskart tagħhom ġo fihom.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:10pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 28 ta' Lulju 2015.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku